# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

19 ta’ Marzu 2020*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali – Proċedura ta’ konfiska tal-assi miksuba illegalment fl-assenza ta’ kundanna kriminali – Direttiva 2014/42/UE – Kamp ta’ applikazzjoni – Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI”

Fil-Kawża C-234/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta’ Sofija, il-Bulgarija), permezz ta’ deċiżjoni tat-23 ta’ Marzu 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta’ April 2018, fil-proċedura

**Komisia za protivodeystvie na koruptsiyata i za otnemane na nezakonno pridobitoto imushtestvo**

vs

**BP,**

**AB,**

**PB,**

**“Trast B” OOD,**

**“Agro In 2001” EOOD,**

**“ACounT Service 2009” EOOD,**

**“Invest Management” OOD,**

**“Estate” OOD,**

**“Bromak” OOD,**

**“Bromak Finance” EAD,**

**“Viva Telekom Bulgaria” EOOD,**

**“Balgarska Telekomunikationna Kompania” AD,**

**“Hedge Investment Bulgaria” AD,**

**“Kemira” OOD,**

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

**"Dunarit" AD,**

**"Technologichen Zentar-Institut Po Mikroelektronika" AD,**

**"Evrobild 2003" EOOD,**

**"Technotel Invest" AD,**

**"Ken Trade" EAD,**

**"Konsult Av" EOOD,**

**Louvrier Investments Company 33 SA,**

**EFV International Financial Ventures Ltd,**

**Interv Investment SARL,**

**LIC Telecommunications SARL,**

**V Telecom Investment SCA,**

**V2 Investment SARL,**

**Empreno Ventures Ltd,**

fil-preżenza ta':

**Corporate Commercial Bank**, fi stralċ,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Prechal, President tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, R. Silva de Lapuerta, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qegħdin jaġixxu bħala Mħallfin tat-Tielet Awla, L. S. Rossi (Relatur) u J. Malenovský, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: M. Aleksejev, Kap ta' Diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Ġunju 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Komisia za protivodeystvie na koruptsiyata i za otnemane na nezakonno pridobitoto imushtestvo, minn P. Georgiev u N. Kolev, bħala aġenti,

– għal BP, minn L. E. Karadaliev, advokat,

– għal AB, minn S. A. Stoyanov, advokat,

– għal PB, minn D. V. Kostadinova u S. Pappas, advokati,

– għal "Trast B" OOD, minn S. A. Stoyanov, advokat,

– għal "Dunarit" AD, minn T. S. Trifonov, advokat,

– għal Corporate Commercial Bank, fi stralċ, minn K. H. Marinova u A. N. Donov, bħala aġenti,

– għall-Gvern Bulgaru, minn L. Zaharieva u T. Mitova, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Vláčil u A. Kasalická, bħala aġenti,

– għall-Irlanda, minn J. O'Connor, M. Browne, C. Durnin, M. Berry u A. Joyce, bħala aġenti, assistiti minn D. Dodd, BL, B. Murray u N. Butler, SC,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Troosters u Y. G. Marinova, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2019,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 127, p. 39, rettifika fil-ĠU 2014, L 138, p. 114).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn il-Komisia za protivodeystvie na koruptsiyata i za otnemane na nezakonno pridobitoto imushtestvo (il-Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Konfiska tal-Assi Miksuba Illegalment, il-Bulgarija) (iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi") u BP flimkien ma' numru ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi meqjusa li għandhom rabta ma' BP jew li huma kkontrollati minn BP, li tirrigwarda talba għal konfiska ta' assi miksuba illegalment minn BP u minn dawn il-persuni.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI*

3 Il-premessi 1, 5 u 10 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-konfiska ta' rikavati, mezzi strumentali u proprjetà konnessi mal-kriminalità (ĠU 2006, L 159M, p. 223), huma fformulati kif ġej:

"(1) L-għan ewlieni tal-kriminalità organizzata transkonfinali huwa l-gwadann finanzjarju. Għalhekk, sabiex ikun effikaċi, kwalunkwe tentattiv sabiex tali kriminalità tiġi prevenuta u miġġielda għandu jiffoka fuq it-traċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tar-rikavati tal-kriminalità. Madankollu, dan ikun diffiċli, *inter alia*, minħabba differenzi bejn il-liġijiet ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam.

[…]

(5) Skond ir-Rakkomandazzjoni 19 fil-Pjan ta' Azzjoni ta' l-2000 intitolat 'Il-prevenzjoni u l-kontroll tal-kriminalità organizzata: strateġija ta' l-Unjoni Ewropea għall-bidu tal-millennju l-ġdid', li ġie approvat mill-[Kunsill tal-Unjoni Ewropea] fis-27 ta' Marzu 2000, għandu jsir eżami

tal-possibbiltà tal-ħtieġa ta' strument li, b'kont meħud ta' l-aqwa prattika fl-Istati Membri u bir-rispett dovut għall-prinċipji legali fundamentali, jintroduċi l-possibbiltà li tiġi mitigata, skond il-liġi kriminali, ċivili jew fiskali, skond il-każ, l-onus tal-prova dwar id-derivazzjoni ta' l-assi fil-pussess ta' persuna kundannata għal reat konness mal-kriminalità organizzata.

[…]

(10) L-għan ta' din id-Deċiżjoni Kwadru huwa li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom regoli effikaċi li jiggvernaw il-konfiska ta' rikavati tal-kriminalità, *inter alia* fir-rigward ta' l-onus tal-prova dwar id-derivazzjoni ta' l-assi fil-pussess tal-persuna kkundannata għal reat konness mal-kriminalità organizzata. Din id-Deċiżjoni Kwadru hija marbuta ma' abbozz Daniż [proposta Daniża] ta' Deċiżjoni Kwadru dwar ir-rikonoxximent reċiproku fi ħdan l-Unjoni Ewropea ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-konfiska ta' rikavati tal-kriminalità u l-kondiviżjoni ta' assi, li qed jiġi preżentat fl-istess waqt."

4 L-ewwel sar-raba' inċiż tal-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni kwadru jipprovdu:

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru:

– 'rikavati' tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku minn reati kriminali. Dawn jistgħu jikkonsistu minn kwalunkwe forma ta' proprjetà kif definita fl-inċiż li ġej,

– 'proprjetà' [assi] tinkludi proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni, kemm jekk korporali jew mhux korporali, kemm mobbli jew immobbli, u d-dokumenti jew l-istrumenti legali li juru t-titolu għal tali proprjetà jew l-interess fiha,

– 'mezzi strumentali' tfisser kwalunkwe proprjetà wżata jew intiża li tiġi wżata, bi kwalunkwe mod, kompletament jew parzjalment, sabiex jiġi mwettaq reat kriminali jew jiġu mwettqa reati kriminali,

– 'konfiska' tfisser penali jew miżura, ordnata minn qorti b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali jew reati kriminali, li jirriżultaw fil-privazzjoni finali ta' proprjetà".

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni kwadru, intitolat "Konfiska", jipprovdi:

"1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ikun jista' jikkonfiska, kompletament jew parzjalment, mezzi strumentali u rikavati ta' reati kriminali punibbli bi priġunerija għal żmien ta' iżjed minn sena, jew bil-privazzjoni ta' proprjetà ta' valur korrispondenti għal tali rikavati.

2. Fir-rigward ta' reati fiskali, l-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri oħra barra l-proċeduri kriminali sabiex jipprivaw lill-awtur tar-reat mir-rikavati tar-reat."

6 Intitolat "Setgħat estiżi ta' konfiska", l-Artikolu 3 ta' din l-istess deċiżjoni kwadru jipprevedi, fil-paragrafu 2(c) u fil-paragrafu 4 tiegħu:

"2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jippermetti l-konfiska skond dan l-Artikolu mill-inqas:

[…]

c) fejn jiġi stabbilit li l-valur tal-proprjetà huwa sproporzjonat għad-dħul legali tal-persuna kundannata u qorti nazzjonali, abbażi ta' fatti speċifiċi, hija konvinta bis-sħiħ li l-proprjetà in kwistjoni ġiet mill-attività kriminali ta' dik il-persuna kundannata.

[…]

4. L-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri oħra barra l-proċeduri kriminali sabiex jipprivaw lill-awtur mill-proprjetà in kwistjoni."

7 L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212 jipprevedi:

"Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li l-partijiet interessati milquta mill-miżuri taħt l-Artikoli 2 u 3 jkollhom rimedji legali effikaċi sabiex jippreżervaw id-drittijiet tagħhom."

8 L-Artikolu 5 ta' din id-deċiżjoni kwadru jiddikjara:

"Din id-Deċiżjoni Kwadru ma għandhiex ikollha l-effett li tbiddel l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji fundamentali, inkluża partikolarment il-preżunzjoni ta' l-innoċenza kif affermata fl-Artikolu 6 [UE]."

9 L-Artikolu 6(1) tal-imsemmija deċiżjoni kwadru jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Kwadru sa 15 ta' Marzu 2007."

*Id-Deċiżjoni Kwadru 2006/783/ĠAI*

10 Skont il-premessa 8 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska (ĠU 2010, L 239M, p. 340):

"L-għan ta' din id-Deċiżjoni Kwadru hu li jiffaċilita l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tar-rikonoxximent u l-esekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska ta' proprjetà sabiex Stat Membru jkun obbligat li jirrikonoxxi u jesegwixxi, fit-territorju tiegħu, ordnijiet ta' konfiska maħruġin minn qorti ta' Stat Membru ieħor li għandha l-kompetenza f'materji kriminali. Din id-Deċiżjoni Kwadru hija marbuta mad-Deċiżjoni Kwadru [2005/212]. L-għan ta' dik id-Deċiżjoni Kwadru hu li jiżgura li l-Istati Membri kollha jkollhom regoli effettivi li jirregolaw il-konfiska ta' rikavati minn reati, *inter alia* f'relazzjoni ma' l-obbligu tal-prova fir-rigward tas-sors ta' l-assi li għandha persuna ħatja ta' reat li għandu x'jaqsam mal-kriminalità organizzata."

*Id-Direttiva 2014/42*

11 Il-premessi 9, 22 u 23 tad-Direttiva 2014/42 jiddikjaraw:

"(9) Din id-Direttiva għandha l-għan li temenda u li tespandi d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjonijiet [Qafas tal-Kunsill 2001/500/ĠAI tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 158),] u [2005/212]. Dawk id-Deċiżjonijiet Kwadru għandhom jiġu parzjalment sostitwiti għall-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva.

[…]

(22) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi. Ma żżommx lill-Istati Membri milli jipprevedu setgħat aktar estensivi fil-liġi nazzjonali tagħhom, inkluż, pereżempju, fir-rigward tar-regoli tagħhom dwar l-evidenza.

(23) Din id-Direttiva tapplika għar-reati kriminali li jaqgħu fl-ambitu tal-istrumenti elenkati hawnhekk. Fl-ambitu ta' dawk l-istrumenti, l-Istati Membri għandhom japplikaw konfiska estiża tal-inqas għal ċerti reati kriminali kif definiti f'din id-Direttiva."

12 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar l-iffriżar tal-proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement u dwar il-konfiska tal-proprjetà f'materji kriminali.

2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex jikkonfiskaw il-proprjetà inkwistjoni."

13 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) 'rikavat' tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku li jirriżulta, direttament jew indirettament minn reat kriminali; dan jista' jikkonsisti minn kwalunkwe forma ta' proprjetà u jinkludi kwalunkwe investiment mill-ġdid jew kwalunkwe trasformazzjoni li jsiru sussegwentement ta' rikavat dirett u kwalunkwe benefiċċju ta' valur;

2) 'proprjetà' [assi] tfisser proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni, kemm jekk materjali kif ukoll jekk immaterjali, mobbli jew immobbli u d-dokumenti jew l-istrumenti legali li jixhdu dritt jew interess fi proprjetà bħal din;

3) 'mezzi strumentali' tfisser kwalunkwe proprjetà użata jew maħsuba biex tintuża, bi kwalunkwe mod, kompletament jew parzjalment, biex jitwettaq reat kriminali jew biex jitwettqu reati kriminali;

4) 'konfiska' tfisser ċaħda definittiva minn proprjetà ordnata minn qorti fir-rigward ta' reat kriminali;

5) 'iffriżar' tfisser il-projbizzjoni temporanja tat-trasferiment, tal-qerda, tal-konverżjoni, taċ-ċessjoni jew tal-moviment ta' proprjetà jew l-assunzjoni temporanja ta' kustodja jew ta' kontroll ta' proprjetà;

6) 'reat kriminali' tfisser reat kopert minn kwalunkwe strument elenkat fl-Artikolu 3."

14 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/42 huwa redatt kif ġej:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għar-reati kriminali koperti minn:

a) Il-Konvenzjoni mfassla skont l-Artikolu K.3(2)(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 53)] […];

b) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI tad-29 ta' Mejju 2000 dwar li tiżdied il-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar inkonnessjoni mad-dħul tal-euro [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 187)];

c) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/413/ĠAI tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 123)];

d) Id-Deċiżjoni Qafas [2001/500];

e) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 18)];

f) Id-Deċiżjoni [Qafas tal-Kunsill 2003/568/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat] [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 182, rettifika fil-ĠU 2019, L 255, p. 7)];

g) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi [(ĠU 2006, L 153M, p. 94)];

h) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata [(ĠU 2008, L 300, p. 42)];

i) Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/629/ĠAI [(ĠU 2011, L 101, p. 1)];

j) Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI [(ĠU 2011, L 335, p. 1, rettifika fil-ĠU 2012, L 18, p. 7)];

k) Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/222/ĠAI [(ĠU 2013, L 218, p. 8)],

kif ukoll strumenti legali oħrajn jekk dawk l-istrumenti jipprevedu speċifikament li din id-Direttiva tapplika għar-reati kriminali armonizzati fiha."

15 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/42, intitolat "Konfiska", jiddikjara:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jikkonfiskaw, kompletament jew parzjalment, il-mezzi strumentali u r-rikavat jew il-proprjetà li l-valur tagħha jkun ekwivalenti għal tali mezzi strumentali jew rikavat, soġġett għal kundanna definittiva għal reat kriminali, li tista' wkoll tirriżulta minn proċedimenti *in absentia*.

2. Meta l-konfiska abbażi tal-paragrafu 1 ma tkunx possibbli, tal-inqas fejn din l-impossibbiltà tkun ir-riżultat ta' mard jew ħarba tal-persuna suspettata jew akkużata, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jikkonfiskaw il-mezzi strumentali u r-rikavat f'każijiet fejn ikunu nbdew il-proċedimenti kriminali fir-rigward ta' reat kriminali li jista' jwassal, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku, u tali proċedimenti setgħu wasslu għal kundanna kriminali jekk il-persuna suspettata jew akkużata setgħet titressaq quddiem il-qorti."

16 L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, intitolat "Konfiska estiża", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jikkonfiskaw, kompletament jew parzjalment, il-proprjetà li tappartjeni lil persuna li tkun instabet ħatja ta' reat kriminali li jista' joħloq, direttament jew indirettament, benefiċċju ekonomiku, fejn qorti abbażi taċ-ċirkostanzi tal-każ, inklużi l-fatti speċifiċi u l-evidenza disponibbli, bħal li l-valur tal-proprjetà jkun sproporzjonat meta mqabbel mad-dħul legali tal-persuna li tinstab ħatja, tkun sodisfatta li l-proprjetà inkwistjoni nkisbet minn imġiba kriminali."

17 L-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jikkonfiskaw ir-rikavat, jew proprjetà oħra li l-valur tagħha jkun ekwivalenti għar-rikavat, li, direttament jew indirettament, tkun ġiet ittrasferita minn persuna suspettata jew akkużata lil partijiet terzi, jew li tkun ġiet akkwistata minn partijiet terzi mingħand il-persuna suspettata jew akkużata, tal-inqas jekk dawk il-partijiet terzi kienu jafu jew suppost li kienu jafu li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien biex tiġi evitata l-konfiska, abbażi ta' fatti u ċirkostanzi konkreti, inkluż li t-trasferiment jew l-akkwist sar mingħajr ħlas jew għal ammont ferm aktar baxx mill-valur fis-suq."

18 L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42 jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni affettwati mill-miżuri previsti skont din id-Direttiva jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom."

19 Skont l-Artikolu 14 ta' din id-direttiva:

"1. [...] l-ewwel erba' inċiżi tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru [2005/212], huma sostitwiti b'din id-Direttiva għall-Istati Membri marbuta minn din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' dawk l-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni ta' [din id-deċiżjoni kwadru] fil-liġi nazzjonali.

2. Għall-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva, ir-referenzi [...] għad-dispożizzjonijiet tad-[Deċiżjoni Kwadru 2005/212] imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva."

### *Id-dritt Bulgaru*

*Il-Liġi dwar il-Konfiska*

20 Qabel it-tħassir tagħha fid-19 ta' Jannar 2018, iż-Zakon za otnemane v polza na darzhavata na nezakono pridobito imushtestvo (il-Liġi dwar il-Konfiska favur l-Istat ta' Assi Miksuba Illegalment) (DV Nru 38 tat-18 ta' Mejju 2012, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Konfiska"), li daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Novembru 2012 u li ġiet imħassra miż-Zakon za protivodeystvie na korupsiata i za otnemane na nezakonno pridobitoto imushestvo (il-Liġi dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Konfiska tal-Assi Miksuba Illegalment) (DV Nru 7 tad-19 ta' Jannar 2018), kienet tipprevedi fl-Artikolu 1 tagħha:

"1) Din il-Liġi tirregola l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tal-konfiska, mill-Istat, tal-assi miksuba illegalment.

2) Assi bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 1 tfisser l-assi li fir-rigward tal-kisba tagħhom ma jista' jiġi kkonstatat ebda sors legali."

21 L-Artikolu 2(1) tal-Liġi dwar il-Konfiska kien jipprovdi:

"Il-proċeduri deskritti f'din il-Liġi għandhom jitmexxew irrispettivament minn kwalunkwe proċeduri kriminali li jkunu tressqu fil-konfront tal-persuna li tkun taħt inkjesta u/jew persuni f'kollużjoni magħha."

22 Skont l-Artikolu 5(1) ta' din il-liġi:

"Il-[Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi] hija awtorità nazzjonali speċjalizzata, indipendenti u permanenti."

23 L-Artikolu 21 tal-imsemmija liġi kien jipprovdi:

"1) Il-[Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi] tiftaħ proċeduri bis-saħħa ta' din il-Liġi meta jkunu jeżistu raġunijiet plawżibbli li jiġi ssuspettat li ċerti assi jkunu nkisbu illegalment.

2) Tali raġunijiet jitqiesu li huma plawżibbli meta jirriżulta, wara li tkun saret investigazzjoni, li l-assi tal-persuna suġġetta għall-investigazzjoni jindikaw irregolaritajiet sostanzjali."

24 L-Artikolu 22(1) tal-Liġi dwar il-Konfiska kien jipprevedi:

"L-inkjesta msemmija fl-Artikolu 21(2) għandha tinfetaħ permezz ta' att tad-direttur territorjali kkonċernat, meta persuna tiġi intimata jew akkużata li wettqet ksur kriminali li jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

[...]

8. L-Artikoli 201 sa 203 tan-[Nakazatelen kodeks (il-Kodiċi Kriminali)];

[...]".

25 L-Artikolu 66 ta' din il-liġi kien jipprovdi:

"1) Assi li l-persuna taħt inkjesta tkun ittrasferiet lil persuna ġuridika jew li tkun wettqet depożitu fil-kapital tal-persuna ġuridika f'forma ta' kontribuzzjoni monetarja jew xorta oħra għandhom ikunu suġġett għal konfiska f'każijiet fejn il-persuni li jġestixxu jew jikkontrollaw il-persuna ġuridika kienu jafu jew fiċ-ċirkustanzi kellhom raġuni li jissuspettaw li l-assi kienu nkisbu illegalment.

2) L-assi miksuba illegalment li jappartjenu lill-persuna ġuridika kkontrollata mill-persuna taħt inkjesta jew mill-persuni li jkunu qegħdin jaħdmu flimkien magħha għandhom ukoll ikunu suġġetti għal konfiska.

[...]".

26 Skont l-Artikolu 75(1) tal-imsemmija liġi:

"Talba ġudizzjarja ta' konfiska favur l-Istat tal-assi miksuba illegalment għandha titressaq kontra l-persuna suġġetta għall-investigazzjoni u l-persuni msemmija fl-Artikoli 64, 65, 66, 67 u 71."

27 L-Artikolu 76(2) ta' din l-istess liġi kien jipprevedi:

"Il-persuna suġġetta għall-investigazzjoni u l-persuni msemmija fl-Artikoli 64, 65, 66, 67 u 71 jikkostitwixxu lilhom innifishom bħala konvenuti fil-proċedura."

28 L-Artikolu 80 tal-Liġi dwar il-Konfiska kien jipprovdi:

"Il-kwistjonijiet li ma humiex irregolati f'din it-taqsima huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Grazhdanski-protsesualen kodeks [(il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili)]."

*Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili*

29 L-Artikolu 17(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprevedi:

"Il-qorti għandha tiddeċiedi l-kwistjonijiet kollha rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima, b'eċċezzjoni tal-kwistjoni dwar jekk twettaqx ksur kriminali."

*Il-Kodiċi Kriminali*

30 L-Artikolu 53 tal-Kodiċi Kriminali jiddikjara:

"1) Indipendentement mir-responsabbiltà kriminali, jiġu kkonfiskati favur l-Istat:

a) l-oġġetti li jappartjenu għall-persuna ħatja intiżi sabiex jintużaw jew użati sabiex jitwettaq ksur kriminali intenzjonat;

b) l-oġġetti li jappartjenu għall-persuna ħatja li kienu suġġetti għal ksur kriminali intenzjonat – fil-każijiet espressament previsti fil-parti speċjali ta' dan il-kodiċi.

2) Jiġu wkoll ikkonfiskati favur l-Istat:

a) l-oġġetti, li jservu bħala għodda jew strument ta' ksur kriminali, li l-pussess tagħhom huwa pprojbit, u

b) l-oġġetti miksuba permezz tal-ksur kriminali, jekk dawn ma jkollhomx jiġu rrimborsati jew irrestitwiti. Meta l-oġġetti miksuba jkunu sparixxew jew ikunu ġew abbandunati jiġi kkonfiskat ammont li jikkorrispondi għall-valur tagħhom."

31 L-Artikolu 201 ta' dan il-kodiċi jipprovdi:

"Persuna li, waqt li tkun qiegħda taqdi l-funzjonijiet tagħha, twettaq miżapproprjazzjoni ta' fondi, beni jew oġġetti oħra ta' valur li ma jappartjenux lilha u li jkunu ngħataw lilha fil-kuntest tal-funzjonijiet tagħha jew li jkunu ġew fdati f'idejha sabiex din tieħu ħsiebhom u tamministrahom hija suġġetta, għal din il-miżapproprjazzjoni waqt il-qadi tal-funzjonijiet tagħha, għal piena ta' priġunerija ta' massimu ta' tmien snin u l-qorti tista' tordna konfiska massima ta' nofs l-assi tal-persuna ħatja kif ukoll għaċ-ċaħda tad-drittijiet tagħha […]."

32 Skont l-Artikolu 203(1) tal-imsemmi kodiċi:

"Peress li l-miżapproprjazzjoni ta' kobor speċifiku waqt il-qadi ta' funzjonijiet ta' amministrazzjoni tikkostitwixxi każ partikolarment serju, din hija punibbli b'piena ta' priġunerija ta' minn għaxra sa għoxrin sena."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

33 Fix-xahar ta' Lulju 2014, is-Sofiyska gradska prokuratura (il-Prosekutur tal-Belt ta' Sofija, il-Bulgarija) informa lill-Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi li tressqu proċeduri kriminali kontra BP fil-kapaċità tiegħu bħala president tal-kunsill ta' sorveljanza ta' bank Bulgaru talli konxjament inkoraġġixxa lil persuni oħra, mix-xahar ta' Diċembru 2011 sad-19 ta' Ġunju 2014, jimmiżapproprjaw fondi li jappartjenu lill-imsemmi bank, bi ksur tal-Artikolu 201 u tal-Artikolu 203(1) tal-Kodiċi Kriminali, għal valur totali ogħla minn 205 miljun lev Bulgaru (BGN) (madwar EUR 105 miljun).

34 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li dawn il-proċeduri kriminali jinsabu pendenti u għaldaqstant għadhom ma tawx lok għal deċiżjoni definittiva jew saħansitra għal kundanna definittiva.

35 Il-Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi wettqet investigazzjoni li kienet tirrigwarda l-perijodu mill-4 ta' Awwissu 2004 sal-4 ta' Awwissu 2010, li minnha jirriżulta, b'mod partikolari, li BP u l-membri tal-familja tiegħu għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom depożiti bankarji ta' valur kunsiderevoli li ma jikkorrispondux għad-dħul legali tagħhom, li wettqu tranżazzjonijiet bankarji b'mezzi li l-oriġini tagħhom ma tistax tiġi ddeterminata, li akkwistaw assi mobbli u immobbli ta' valur kunsiderevoli u li BP irċieva remunerazzjonijiet bis-saħħa ta' kuntratti li fir-rigward tagħhom ġie affermat li dawn huma fittizji, fejn id-dħul irċevut minn tali tranżazzjonijiet fittizji kellu bħala għan li jaħbi l-oriġini illegali tal-mezzi li servew għall-kisba tal-assi minn BP.

36 Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Mejju 2015, fuq il-bażi tal-punt 8 tal-Artikolu 22(1) tal-Liġi dwar il-Konfiska, il-Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi ressqet proċedura quddiem is-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta' Sofija, il-Bulgarija) bil-għan tal-konfiska tal-assi ta' BP u ta' membri tal-familja tiegħu kif ukoll ta' terzi konnessi ma' BP jew ikkontrollati minn BP, li kienu nkisbu b'mod illegali, tal-valur ta' dawn l-assi fi flus meta dawn inbiegħu mill-ġdid jew ta' assi li jirriżultaw mill-konverżjoni tal-imsemmija assi miksuba b'mod illegali.

37 Fuq talba mill-Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi, is-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta' Sofija) adottat miżuri kawtelatorji fir-rigward tal-assi li tagħhom intalbet il-konfiska.

38 Fil-kuntest tal-proċedura mressqa quddiem il-qorti tar-rinviju, BP u ċerti partijiet konvenuti fil-kawża prinċipali jsostnu li t-talba għal konfiska tal-assi mressqa mill-Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi hija inammissibbli minħabba li, essenzjalment, din tmur kontra d-Direttiva 2014/42. Fil-fatt, din id-direttiva teżiġi li l-konfiska tal-assi tkun ibbażata fuq kundanna definittiva, liema element huwa nieqes fil-kawża prinċipali. Skont BP u l-imsemmija partijiet konvenuti, ma teżistix, fuq livell tal-Unjoni, leġiżlazzjoni fil-qasam tal-konfiska ċivili, b'tali mod li l-konfiska tkun tista' sseħħ biss fuq il-bażi ta' kundanna definittiva ta' natura kriminali. Issa, skont dawn l-istess partijiet, il-konvenuti fil-kawża prinċipali jiġu ttrattati bħallikieku kienu ġew iġġudikati u kkundannati b'mod definittiv, liema fatt jippreġudika, b'mod partikolari, il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għal smigħ xieraq.

39 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li jirriżulta espressament mil-Liġi dwar il-Konfiska li l-proċedura ta' konfiska mressqa quddiem il-qorti ċivili hija indipendenti mill-proċeduri kriminali mressqa kontra l-persuna suġġetta għall-investigazzjoni u/jew il-persuni konnessi magħha jew ikkontrollati minnha. Is-sempliċi eżistenza ta' akkużi kriminali tkun suffiċjenti sabiex jingħata lok għal proċedura ta' konfiska ċivili. Madankollu, skont il-qorti tar-rinviju, mill-formulazzjoni tad-Direttiva 2014/42 jirriżulta b'mod ċar li kull rabta bejn il-proċeduri kriminali u l-proċedura ta' konfiska ċivili ma għandhiex tiġi eskluża u li din l-aħħar proċedura ma għandhiex tingħalaq qabel ma jintemmu l-proċeduri kriminali. Skont din il-qorti, il-Liġi dwar il-Konfiska għalhekk marret lil hinn mill-armonizzazzjoni minima prevista mid-Direttiva 2014/42 u, għaldaqstant, kienet kuntrarja għal din tal-aħħar. Peress li BP għadu ma ġiex ikkundannat kriminalment għall-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-imsemmija qorti tqis li l-proċedura ta' konfiska ċivili għandha tiġi sospiża sa ma jingħalqu l-proċeduri kriminali mressqa, b'mod partikolari, kontra BP.

40 Minħabba li kellha dubji dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/42, is-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta' Sofija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva [2014/42] li jipprevedi l-istabbiliment ta' 'regoli minimi dwar l-iffriżar tal-proprjetà [assi] fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement', għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-Istati Membri jadottaw regoli dwar konfiska ċivili li ma tkunx ibbażata fuq kundanna kriminali?

2) Mill-Artikolu 1(1), moqri fid-dawl tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/42, jirriżulta li s-sempliċi tressiq ta' proċeduri kriminali kontra l-persuna li l-proprjetà tagħha tkun is-suġġett tal-konfiska huwa biżżejjed sabiex tinfetaħ u titmexxa proċedura ta' konfiska ċivili?

3) Huwa ammissibbli li tingħata interpretazzjoni wiesgħa tar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/42 li jippermettu konfiska ċivili li ma tkunx ibbażata fuq kundanna kriminali?

4) L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/42 għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sempliċi eżistenza ta' sproporzjon bejn il-valur tal-proprjetà u d-dħul legali tal-persuni hija suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-konfiska ta' proprjetà bħala r-rikavat dirett jew indirett ta' reat kriminali, fl-assenza ta' kundanna definittiva li tikkonstata li l-persuna wettqet reat kriminali?

5) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/42 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi l-konfiska tal-assi ta' terzi bħala miżura komplementari jew alternattiva għall-konfiska diretta jew bħala miżura komplementari għall-konfiska estiża?

6) L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42 għandu jinftiehem fis-sens li jiggarantixxi l-applikazzjoni tal-preżunzjoni ta' innoċenza u fis-sens li jipprojbixxi konfiska li ma tkunx ibbażata fuq kundanna kriminali?"

**Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari**

41 Il-Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi kif ukoll il-Gvern Bulgaru u dak Ċek isostnu li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli.

42 Skont dawn il-partijiet ikkonċernati, l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2014/42 ma hijiex rilevanti għall-finijiet tas-sentenza fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, qabel kollox, din id-direttiva għandha bħala għan li tistabbilixxi regoli minimi relatati mal-konfiska tal-assi fil-qasam kriminali, filwaqt li l-proċedura ta' konfiska mressqa fil-kawża prinċipali, ta' natura ċivili, hija indipendenti mill-iżvolġiment jew mir-riżultat ta' proċeduri kriminali. Sussegwentement, it-talba għal konfiska tal-beni tal-imsemmija kummissjoni ssib l-oriġini tagħha fil-ksur kriminali ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi, previst fl-Artikoli 201 sa 203 tal-Kodiċi Kriminali. Issa, dan il-ksur ma jissemma f'ebda wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/42, li jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' din id-direttiva. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi u l-Gvern Bulgaru jindikaw li t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/42 ġie ffissat għall-4 ta' Ottubru 2016 mill-Artikolu 12 ta' din id-direttiva, filwaqt li l-proċedura quddiem il-qorti tar-rinviju tressqet fit-22 ta' Marzu 2016, b'tali mod li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva ma humiex applikabbli *ratione temporis* għall-proċedura fil-kawża prinċipali.

43 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest legali u fattwali li tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li fir-rigward tagħhom ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika l-eżattezza, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar domanda magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda rabta mal-fatti jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema hija ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatti u ta' liġi neċessarji sabiex tagħti risposta b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2008, Commune de Mesquer, C-188/07, EU:C:2008:359, punt 30, u tat-13 ta' Novembru 2018, Levola Hengelo, C-310/17, EU:C:2018:899, punt 28).

44 Issa, meta, bħal f'din il-kawża, ma jidhirx b'mod manifest li l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda rabta mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, l-oġġezzjoni bbażata fuq in-nuqqas ta' applikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni fil-kawża prinċipali ma tikkonċernax l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, iżda tqum fuq il-mertu tad-domandi (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, Slovenské elektrárne, C-376/18, EU:C:2019:1068, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Konsegwentement, it-talba għal domanda preliminari hija ammissibbli.

## Fuq il-mertu

### *Kunsiderazzjonijiet preliminari*

46 Fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija din tal-aħħar li trid tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi l-kawża quddiemha. Għal dan il-għan, jekk ikun il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirriformula d-domandi magħmula lilha. Il-fatt li qorti nazzjonali fformulat, minn perspettiva formali, domanda preliminari billi rreferiet għal ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jippreKludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi lil dik il-qorti bl-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li għandha quddiemha, indipendentement minn jekk għamlitx riferiment għalihom jew le fl-espożizzjoni tad-domandi tagħha. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet, mill-elementi kollha pprovduti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima (sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019, EVN Bulgaria Toplofikatsia u Toplofikatsia Sofia, C-708/17 u C-725/17, EU:C:2019:1049, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/42. Madankollu, hekk kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tagħha, l-atti ta' miżappropprjazzjoni ta' fondi, hekk kif deskritti fid-deċiżjoni tar-rinviju, ma jikkostitwixxux wieħed mill-ksur kopert mill-istrumenti ġuridiċi elenkati b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/42, fejn għalhekk is-suġġett tal-proċedura nazzjonali mressqa mill-Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi jevita l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-imsemmija direttiva.

48 Barra minn hekk mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2014/42 jirriżulta li din id-direttiva tissostitwixxi biss l-ewwel erba' inċiżi tal-Artikolu 1 kif ukoll l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212 għall-Istati Membri marbuta bid-direttiva, liema fatt għandu bħala konsegwenza, hekk kif indikat l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punti 48 u 49 tal-konklużjonijiet tagħha, li l-Artikoli 2, 4 u 5 tal-imsemmija Deċiżjoni Kwadru jinżammu fis-seħħ wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2014/42.

49 F'dan il-każ, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212 jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex tkun permessa l-konfiska sħiħa jew parzjali tal-mezzi strumentali jew tar-rikavat provenjenti minn ksur kriminali punibbli b'piena ta' priġunerija ta' tul superjuri għal sena, filwaqt li l-ksur ikkonstatat mill-qorti tar-rinviju huwa punibbli b'piena ta' priġunerija ta' bejn 10 u 20 sena u, għalhekk, għandu jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni kwadru.

50 Għaldaqstant, bla ħsara għall-interpretazzjoni tal-portata tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212, id-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar neċessarjament jagħmlu parti mill-elementi ta' dritt tal-Unjoni li, fid-dawl tal-kawża prinċipali u tal-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex din tal-aħħar tagħti risposta utli għad-domandi li sarulha.

*Fuq id-domandi preliminari*

51 Fid-dawl tal-punti preċedenti, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, permezz tad-domandi tagħha, li jeħtieġ li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li jipprevedi li l-konfiska tal-assi miksuba illegalment tiġi ordnata minn qorti nazzjonali fi tmiem proċedura li la hija suġġetta għall-konstatazzjoni ta' ksur kriminali u lanqas, *a fortiori*, għall-kundanna tal-awturi preżunti ta' tali ksur.

52 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, hemm lok li jitfakkar li d-Deċiżjoni Kwadru 2005/212 hija bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI tat-Trattat UE, fil-verżjoni tiegħu li tippreċedi t-Trattat ta' Lisbona, intitolat "Dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali" [traduzzjoni mhux uffiċjali], b'mod iktar partikolari fuq l-Artikolu 29, l-Artikolu 31(1)(c) u l-Artikolu 34(2)(b) UE.

53 L-Artikolu 31(1)(c) UE jesponi li l-azzjoni komuni fil-qasam tal-kooperazzjoni f'materji kriminali hija intiża li tiżgura, sa fejn huwa neċessarju għat-titjib ta' din il-kooperazzjoni, il-kompatibbiltà tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri. F'dan il-kuntest, id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212 għandha bħala għan li tiggarantixxi, bħalma tiddikjara l-premessa 10 tagħha, li l-Istati Membri kollha jkollhom leġiżlazzjoni effikaċi fil-qasam tal-konfiska tar-rikavat tar-reat.

54 Huwa għalhekk li l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212 jirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex tkun tista' ssir il-konfiska sħiħa jew parzjali tal-mezzi strumentali u tar-rikavat provenjenti minn ksur kriminali suġġetti għal piena ta' priġunerija ta' tul superjuri għal sena, jew ta' assi li l-valur tagħhom jikkorrispondi għal dan ir-rikavat, filwaqt li r-raba' inċiż tal-Artikolu 1 tagħha jiddefinixxi l-"konfiska" bħala piena jew miżura ordnata minn qorti wara proċedura li tirrigwarda ksur kriminali wieħed jew iktar, li jagħti lok għaċ-ċaħda permanenti tal-assi.

55 Kif jirriżulta wkoll mill-premessa 10 tagħha, id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212 hija assoċjata ma' proposta tar-Renju tad-Danimarka li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska (ĠU 2010, L 239M, p. 340). Kif tindika l-premessa 8 ta' din l-aħħar deċiżjoni kwadru, l-għan tagħha huwa li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku u tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' konfiska ta' assi b'tali mod li Stat Membru jkun obbligat jirrikonoxxi u jeżegwixxi fit-territorju tiegħu id-deċiżjonijiet ta' konfiska mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor kompetenti f'materji kriminali.

56 Konsegwentement, fid-dawl tal-għanijiet u tal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212 kif ukoll tal-kuntest li fih din ġiet adottata, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-imsemmija Deċiżjoni Kwadru hija att intiż li jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu regoli minimi komuni ta' konfiska tal-mezzi strumentali u rikavat b'rabta ma' ksur kriminali, bil-għan li jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji ta' konfiska adottati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, hekk kif osservat ukoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tagħha.

57 Għaldaqstant id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212 ma tirregolax il-konfiska ta' mezzi strumentali u ta' rikavat provenjenti minn attivitajiet illegali li hija ordnata minn qorti ta' Stat Membru fil-kuntest ta' proċeduri jew wara proċeduri li ma jkunux ibbażati fuq il-konstatazzjoni ta' ksur jew ta' numru ta' ksur kriminali.

58 Din l-interpretazzjoni b'ebda mod ma hija invalidata bl-Artikolu 2(2) tal-imsemmija deċiżjoni kwadru.

59 Fil-fatt, din id-dispożizzjoni sempliċement tiddikjara li, fir-rigward tal-ksur fiskali, l-Istati Membri jistgħu jirrikorru għal proċeduri minbarra proċeduri kriminali sabiex iċaħħdu lill-awtur mir-rikavat tar-reat. Hija ma tistax tiġi interpretata, *a contrario*, bħala li tfisser li l-Istati Membri jiġu mċaħħda

mill-possibbiltà li jistabbilixxu proċeduri ta' konfiska minbarra proċeduri kriminali li ma jkunux relatati ma' ksur fiskali. Fil-fatt, tali projbizzjoni tkun tmur lil hinn mill-portata tar-regoli minimi stabbiliti mid-Deċiżjoni Kwadru 2005/212.

60 F'dan il-każ, jidher li l-proċedura ta' konfiska pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju hija ta' natura ċivili u tikkoeżisti, fid-dritt intern, ma' sistema ta' konfiska rregolata mid-dritt kriminali. Ċertament, bis-saħħa tal-Artikolu 22(1) tal-Liġi dwar il-Konfiska, tali proċedura titressaq mill-Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi meta din tal-aħħar tiġi informata bil-fatt li persuna hija akkużata li wettqet ċertu ksur kriminali. Madankollu, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-ispjegazzjonijiet mogħtija, waqt is-seduta, mill-Kummissjoni Inkarigata mill-Konfiska tal-Assi, mill-Gvern Bulgaru u mill-Kummissjoni Ewropea jirriżulta li, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija liġi, ladarba tinfetaħ, din il-proċedura, li tikkonċentra ruħha esklużivament fuq l-assi li dwarhom ikun allegat li nkisbu illegalment, titwettaq b'mod indipendenti minn proċeduri kriminali eventwali mressqa kontra l-awtur preżunt tal-ksur kif ukoll mill-eżitu ta' tali proċeduri, b'mod partikolari mill-kundanna eventwali tal-imsemmi awtur.

61 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni li l-qorti tar-rinviju hija mitluba li tadotta fil-kawża prinċipali ma tidħolx fil-kuntest jew fl-eżitu ta' proċeduri li jirrigwardaw ksur jew numru ta' ksur kriminali. Għaldaqstant hija ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212.

62 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jeħtieġ li r-risposta għad-domandi magħmula tkun li d-Deċiżjoni Kwadru 2005/212 għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi li l-konfiska ta' assi miksuba illegalment tiġi ordnata minn qorti nazzjonali fi tmiem proċedura li la hija suġġetta għall-konstatazzjoni ta' ksur kriminali u lanqas, *a fortiori*, għall-kundanna tal-awturi preżunti ta' tali ksur.

## Fuq l-ispejjeż

63 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-konfiska ta' rikavati, mezzi strumentali u proprjetà konnessi mal-kriminalità għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi li l-konfiska ta' assi miksuba illegalment tiġi ordnata minn qorti nazzjonali fi tmiem proċedura li la hija suġġetta għall-konstatazzjoni ta' ksur kriminali u lanqas, *a fortiori*, għall-kundanna tal-awturi preżunti ta' tali ksur.**

Firem